MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 193/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Plamen Zhelyozkov Petkov

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fid-19 ta' Frar, 2006, ghall-habta tas-02.00 hrs, fi Triq il-Qaliet, M'Scala,**
**1) saq vettura nru. HAD-639 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex isuq l-imsemmija vettura;**
**2) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 u 3 tal-Kap. 104, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira Maltin (LM1000). Inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Mejju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni jew htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ :- Li l-ewwel akkuza ma gietx pruvata. L-appellant hu ta’ nazzjonalita’ barranija w cioe’ Bulgaru w seta’ facilment kellu licenzja barranija. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li ggib prova li hu ma kellux licenzja fl-esteru w in mankanza ta’ dispozizzjoni cara fil-ligi, l-oneru tal-prova baqa’ fuq il-prosekuzzjoni. Li l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni akkuza bil-mod kif hi redatta. Din l-akkuza tghid li ma kellux polza ta’ assikurazzjoni solament peress li ma kienx kopert b’ licenzja idonea. Illi hu minnu li l-ligi tikkreja prezunzjoni kontra l-imputat li jipprova li ghandu licenzja, pero’ din tapplika biss meta jigi allegat li m’ ghandux polza. L-appellant lest li jeseibbxi l-polza li ghandu quddiem din il-Qorti. Ma ghamilx dan quddiem l-Ewwel Qorti peress li kif intqal qatt ma kien qed jigi allegat li m’ghandux insurance.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita quddiem din il-Qorti fuq ordni tal-prosekuzzjoni,**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza**

**Ikkonsidrat;**

**Mix-xhieda ta'** PC 572 Anton Damato **jirrizulta li meta fid-19 ta' Frar, 2006, kien waqqaf lill-appellant go Marsaskala f' xis-2am, waqt li kien qed isuq Aston Martin numru HAD 639, dan ma kellux licenzja tas-sewqan. L-appellant jifhem bil-Malti. Kienu talbuh il-licenzja w qalilhom li ma kellux licenzja. Ma semmiex li ghandu licenzja ta' xi post iehor. In kontroezami, x-xhud qal li l-appellant ma semmiex il-kliem *"Licenzja fuqi."*" Qal li m'ghandux licenzja , mhux li m'ghandux licenzja fuqu igifieri, insiha d-dar jew hekk , li m' ghandux qal.**

Brian Farrugia **xehed in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport u qal li mir-ricerka li hu ghamel kemm fuq isem l-appellant kif ukoll fuq l-*identity card*, tieghu, sab li l-appellant ma ghandux licenzja tas-sewqan. Lanqas ma jirrizulta li kellu xi licenzja lokali. Fuq licenzja barranija ma jistghux ikunu jafu.**

L-Appellant **la xehed quddiem l-Ewwel Qorti w ovvjament lanqas quddiem din il-Qorti u lanqas ma talab li jaghmel xi prova quddiem din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il**-Pulizija vs. Peter Paul Micallef" **[18.9.2002] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza** "Il-Pulizija vs. Carlo Abela" **[15.07.96] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq , jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx**

**tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert . F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.**

**Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-**

**"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din il-Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."**

Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

***"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."***

**Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD **[Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-**

***"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in***

***force at the time:*** *Philcox vs. Carberry* ***{1960} Crim. L.R. 563 , D.C."***

**Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall** Criminal Law Review **, 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-**

***"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law , it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J., obiter , in "****Williams v. Russell****" (1933) 149 L.T. 190 , that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."***

**Umbaghad** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-**

***"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (****Williams v. Russell* ***[1933] 149 LT 190 ;*** *Philcox v. Carberry* ***[1960] Crim. L.R. 563)***

**Illi fil-kaz in ezami l-appellant ma ressaq ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti biex jipprova li hu kellu licenzja tas-sewqan estera w li kien kopert b' xi polza ta' assikurazzjoni – anki estera – biex isuq dik il-car. Mhux bizzejjed li jaccenna ghal din il-possibilita' kif ghamel fir-rikors tal-appell tieghu, imma jinkombi fuqu li jgib il-prova ta' dan, al menu sal-grad tal-probabbli. Lanqas fl-istadju tal-appell ma esebixxa xi**

**dokument li seta' jikkonfortah f' dan, ghalkemm ukoll fir-rikors tieghu kien iddikjara li hu lest li jaghmel dan. Ghalhekk fl-istat tal-provi kif irrizulta anki quddiem din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tiddeciedi kif iddecidiet u li ssib il-htija fuq iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dan li l-iskwalifika tal-licenzja kollha tas-sewqan tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12 pm) tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------